MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru 22/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frank A. Tabone]**

**vs**

**Gorg Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-imputat Gorg Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 8073G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar il-15 ta' Ottubru, 2010 għall-habta tat-19:45hrs fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex:-
>
> 1. Ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBG-295 tal-għamla Mitsubishi meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb;
>
> 2. U aktar talli fl-istess data għal-habta ta' 20:10hrs fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex naqas milli jagħti kampjun tan-nifs għall-analiżi

permezz ta’ strument approvat b’ordni tal-Ministru u dan bi ksur tal-Artikolu 15E(4) tal-Kap 65.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal tul ta’ żmien li l-Qorti jidrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mgħotija fis-7 ta’ Jannar, 2014, li biha l-Qorti wara li rat l-artikoli 15A(1) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta’ elf u seba’ mitt Ewro (€1700) u ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal-żmien ta’ sitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta tal-għada tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Gorg Vella, ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fil-21 ta’ Jannar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena jew alternattivament, tvarjha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom l-affidavit tax-xhieda u d-dokumenti esibiti, semgħet in kontro eżami lil P.S. 1040 John Grima u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell;

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fil-15 ta‘ Ottubru 2013 il-pulizija fl-għassa ta‘ Victoria Għawdex għall-ħabta tat-7.45 pm rċevew rapport li quddiem stabbiliment fix-Xewkija kien hemm persuna ġo karozza mitlufa minn sensiha. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabu vettura Mitsubishi Blue bin-numru FBG295 bil-fanali mixgħula u maqlugħa ftit ‘l barra mill-kaxxa tal-parkeġġ għal ġot-triq. Il-karozza kellha l-magna mixgħula u ġo fiha kien hemm persuna fuq is-seat tas-sewwieq mixħut fuq l-isteering wheel tal-istess vettura. Meta l-pulizija messew lill-persuna li kienet fuq l-*isteering wheel* dan stembaħ u hemm irriżultalhom li dik il-persuna kienet l-imputat li fuqu kellu riħa ta‘ xorb u meta ġie mistoqsi kienx xorob huwa wieġeb fl-affermattiv. L-imputat ittieħed l-għassa u hemm il-pulizija pprovat teħodlu breathalyser test iżda għal tlett darbiet il-kampjun tan-nifs li ta l-imputat ma kienx suffiċjenti sabiex jiġi reġistrat ir-riżultat.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. L-appellant qatt ma seta' jinstab ħati ta' sewqan taht l-artikolu 15A(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta peress li f'dan il-kaz il-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq bl-ebda mod ma kienu jindikaw illi l-appellant ma kienx kapaci jsuq minħabba xorb – ħaġa li ma kienx qiegħed jagħmel.

2. L-appellant qatt ma seta' jinsab ħati ta' sewqan taħt l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huwa fl-ebda ħin ma kien qiegħed isuq vettura kif tirrikjedi l-liġi u l-fatt waħdu li l-vettura kienet mixgħula ma jfissirx b'daqshekk li l-appellant li kien rieqed ġo fiha ma kellux kontroll tagħha;

3. L-appellant qatt ma seta' jinstab hati tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u dan peress illi huwa qatt ma rrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun anżi għal tlett darbiet għamel dan iżda l-breathalyser immarka li ma kienx hemm nifs biżżejjed u meta l-pulizija raw il-kundizzjoni tiegħu setgħu faċilment talbuh jagħti jew kampjun tal-urina jew kampjun tad-demm mentri dan ma għamluhx.

**7.** Safejn **<u>l-ewwel aggravju</u>** jilmenta li l-appellant ma setax jinstab ħati ta' sewqan taħt l-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta dan huwa lment frivolu għaliex l-appellant di fatti ma nstabx ħati ta' sewqan izda, kif jgħid l-istess artikolu u kif tgħid l-ewwel imputazzjoni, talli <u>pprova</u> jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb.

**8.** Safejn fl-istess aggravju jingħad li f'dan il-każ il-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq bl-ebda mod ma kienu jindikaw li l-appellant ma kienx kapaċi jsuq minħabba xorb, din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u din il-Qorti, kif kostantement ritenut, ma tiddisturbax dak l-apprezzament jekk mhux

għal raġunijiet gravi meta l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**9.** Issa fil-każ odjern irriżulta li l-imputat instab filgħaxija mixħut mitluf minn sensih fuq l-*isteering wheel* ta' vettura bil-magna mixgħula u bil-fanali mixgħula f'pożizzjoni li kienet indikattiva li kienet appena ħierġa mill-post fejn kienet ipparkjata għal ġot-triq. L-imputat kellu fuqu riħa ta' xorb. Dawn il-fatti ġew konfermati kemm minn P.S. 1040 John Grima kif ukoll P.C. 534 Joseph Cini u minn PC 1097 Mario Casha. L-uffiċjal tal-pulizija li nvestiga l-inċident kellu l-opportunita' jkun viċin ħafna tal-imputat dakinhar tal-inċident f'aktar minn okkażżjoni waħda. Di fatti, in kontro-eżami, P.S. 1040 John Grima ikkonferma li seta' jxomm ir-riħa ta' xorb alkoħoliku kemm meta daħħal rasu fil-karozza biex jitfi l-magna waqt li l-imputat kien fis-seat ġewwa l-karozza, kemm meta kellmu appena l-imputat stembaħ mill-istupur li fih instab, kemm meta kellmu waqt li l-imputat kien riekeb fil-karozza tal-pulizija. Di fatti l-uffiċjal in kwistjoni ħass il-ħtieġa li jitlob kampjun tan-nifs lill-imputat għat-test tal-breathalyser. Il-fatti kif irriżultaw mill-provi prodotti jikkombaċċjaw ma' dak li ġie reġistrat fuq l-okkorrenza tal-inċident li ġiet redatta dakinhar stess tal-inċident.

**10.** Minn dan l-istat tal-provi ma tirrżulta ebda raġuni serja għaliex din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament li għamlet tagħhom l-ewwel Qorti u l-konklużjoni minnha raġġunta. Dan hu hekk anki kieku kellu ma jittiħedx qies tal-konferma da parti tal-imputat meta mistoqsi mill-pulizija, mingħajr ma qabel ma ngħata xi twissija, li kien xorob. Għalkemm sar aċċenn għal dan il-fatt fil-kontro-eżami tax-xhud P.S. 1040 John Grima fl-appell ma tqajjem ebda aggravju f'dan ir-rigward.

**11.** Dan l-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**12.** Parti m**<u>it-tieni aggravju</u>** tal-appellant ukoll jerġa jilmenta li l-appellant qatt ma kellu jinsab ħati ta' sewqan taħt l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huwa fl-ebda ħin ma kien qiegħed isuq vettura kif tirrikjedi l-liġi. Kif

ġia ġie rilevat din il-parti ta' dan l-aggravju hi għal kollox frivola għaliex di fatti l-appellant ma nstabx ħati ta' sewqan taħt l-artikolu msemmi iżda, kif jgħid l-istess artikolu u kif jingħad fl-ewwel imputazzjoni, talli pprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb.

**13.** Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-fatt waħdu li l-vettura kienet mixgħula ma jfissirx b'daqshekk li l-appellant li kien rieqed ġo fiha ma kellux kontroll tagħha (sottolinear tal-Qorti). Din il-parti ta' dan l-aggravju kif artikulata hi għal kollox inkomprensibbli, għalkemm l-użu tad-*double negative* tkompli tobfuska t-tifsira ta' xi jrid jgħid l-appellant. Jidher li l-appellant qiegħed jimplika li l-fatt li vettura kellha l-magna u l-fanali mixgħula ma jfissirx li l-appellant ma kellux kontroll tagħha. Hekk hu, u huwa proprju għalhekk li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati li pprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura in kwistjoni. Jekk l-appellant ried jgħid l-oppost ta' dak li qal, u ċioe' li l-fatt li l-vettura kellha l-magna u l-fanali mixgħula ma jfissirx li kien fil-kontroll tal-vettura, il-Qorti tirrileva li l-appellant mhux biss kien ġo vettura bil-magna u bil-fanali mixgħula iżda kien bilqegħda fis-seat tas-sewwieq b'idejh iħaddnu l-*isteering wheel* tal-vettura. Dan hu suffiċjenti sabiex il-Qorti tikkonkludi, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, li l-imputat kien fil-kontroll tal-vettura in kwistjoni.

**14.** Jista' wkoll jiżdied li l-imputazzjoni taħt l-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 hija kumbinazzjoni ta' żewġ reati maħsuba fl-artikolu 4(1)(2) tar-*Road Traffic Act 1988* Ingliża fejn dak li fit-test Malti hu espress bil-frażi "ikollha l-kontroll" hu espress fit-test Ingliż bħala "*in charge*" li hi l-istess frażi użata fit-test Ingliż tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65. Din il-frażi "*in charge*" ġiet interpretata mill-Qrati Ingliżi fis-sens li sabiex persuna tkun "*in charge*" ta' vettura anqas hu biss neċessarju li tkun fiżikament tinsab ġewwa l-vettura[1]. B'riferenza għar-reat taħt l-artikolu 5 tar-*Road Traffic Act 1972* li hu ekwivalenti għall-artikolu 4(1)(2) tar-*Road Traffic Act 1988* ġie ritenut li:

> "Therefore a defendant can be 'in charge' although neither driving nor attempting to drive. Clearly however the mischief aimed at is to prevent driving when unfit through drink. The offence of being 'in charge' must therefore be intended to convict those who are not driving and have not yet done more than a preparatory act towards

[1] Ara *Leach v Evans* [1952] 2 All ER 264; *Haines v Roberts* [1953] 1 WLR 309; *Morton v Confer* [1963] 1 WLR 763 u oħrajn

> driving, but who in all the circumstances have already formed or may yet form the intention to drive the vehicle, and may try to drive it whilst still unfit."[2]

Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, qiegħed jiġi respint.

**15.** B**<u>it-tielet aggravju</u>** l-appellant jilmenta li huwa qatt ma seta' jinstab ħati tat-tieni akkuża għaliex huwa qatt ma rrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun anzi għal tlett darbiet għamel dan iżda l-breathalyser immarka li ma kienx hemm nifs biżżejjed u meta l-pulizija raw il-kundizzjoni tiegħu setgħu faċilment talbuh jagħti jew kampjun tal-urina jew kampjun tad-demm mentri dan ma għamluhx.

**16.** Dan it-tielet aggravju kif formulat ma hu xejn ħlief ammissjoni tat-tieni akkuża. Fit-tieni imputazzjoni l-appellant ġie akkużat li naqas milli jagħti kampjun tan-nifs għall-analiżi. Skont l-artikolu 15I(3) tal-Kap. 65 persuna titqies li tat kampjun tan-nifs <u>biss</u> jekk dak il-kampjun jingħata b'dak il-mod u <u>f'dik il-kwantità</u> u ta' dik il-kwalità li tkun tista' tiġi analizzata kif imiss għall-għanijiet ta' l-artikolu 15E, li jirregola l-għoti ta' kampjun ta' nifs għall-analiżi bħal ma hu l-każ odjern. Għalkemm l-appellant intalab tlett darbiet sabiex jagħti kampjun tan-nifs fit-tlett okkażjonijiet il-kwantita' tan-nifs, kif jistqarr l-appellant stess, ma kientx suffiċjenti sabiex tista' tiġi analizzata. Dan ifisser li b'hekk l-appellant ġie li naqas milli jagħti l-kampjun tan-nifs għall-analiżi kif rikjest mill-liġi u għalhekk tirriżulta l-ħtija tiegħu tar-reat in kwistjoni. Il-fatt li l-pulizija setgħu talbu kampjun tad-demm jew tal-urina hi kunsiderazzjoni irrelevanti għall-fini ta' dan ir-reat partikolari. Il-pulizija talbu kampjun tan-nifs. L-appellant naqas milli skont il-liġi jagħti l-kampjun mitlub minnu. Dan hu biżżejjed għall-finijiet ta' ħtija.

**17.** Is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet *Pulizija v Jan Spiteri*[3] ma tagħmilx għal dan il-każ. Fil-kawża deċiża b'dik is-sentenza l-imputat kien ħa l-pedana tax-xhieda u bid-depożizzjoni tiegħu il-Qorti kienet tal-fehma li l-appellant f'dik il-kawża kien ipprova li n-nuqqas tiegħu li jagħti l-kampjun tan-nifs kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħtu u għalhekk kien igawdi mid-difiża prevista

[2] Director of Public Prosecutions v Watkins [1989] QB 821
[3] App. Kr. Inf. 22/10/2008

fil-proviżo tal-artikolu 15E (4) tal-Kap. 65. F'dan il-każ ma rriżulta xejn minn dan.

**18.** Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk infondat.

**19.** Fl-aħħarnett, il-Qorti tosserva li għalkemm l-appellant talab fl-alternattiv li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata in kwantu tikkonċerna l-piena ebda aggravju partikolari ma ġie enunċjat f'dan ir-rigward fir-rikors tal-appell. Fi kwalunkwe każ il-piena imposta mill-ewwel Qorti hi waħda pienament fil-parametri tal-liġi. Li persuna tkun fil-kontroll ta' vettura meta ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb hu fatt ferm gravi u jista' jqiegħed fil-perikolu l-ħajja tan-nies u din il-Qorti għalhekk ma tistax tonqos milli tħares lejn ir-reat li tiegħu l-appellant nstab ħati bħala wieħed gravi u li jixraqlu li jiġi ripress b'fermezza u anki b'ċerta severita'.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell ta' Gorg Vella u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmija fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------